2025/2060

15.10.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2060

tal-14 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistipula lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti interessata.

(3) F'Ġunju 2024, tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tas-sorbat tal-potassju (E 202) bħala preservattiv fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana sa livell massimu ta' 500 mg/kg. Wara dan, l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(4) Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-aċidu sorbiku (E 200) u s-sorbat tal-potassju (E 202) huma rregolati bħala grupp "aċidu sorbiku — sorbat tal-potassju (E 200–202)" u huma awtorizzati għal użu kkombinat f'varjetà wiesgħa ta' ikel. Fil-kategorija tal-ikel 16 "Dežerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4", l-aċidu sorbiku — is-sorbat tal-potassju (E 200–202) huma awtorizzati għall-użu fid-dežerti bbażati fuq il-ħalib mhux ittrattati bis-sħana f'livell massimu ta' 300 mg/kg, fil-*frugtgrød, rote Grütze* u *pasha*, dežerti tal-ġelatina b'bażi tal-ilma bit-togħma tal-frott f'1 000 mg/kg u fl-ostkaka f'2 000 mg/kg.

(5) Il-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana huma dežerti b'diversi togħmiet (eż. frott, ċikkulata) li għandhom pH ta' bejn 3,5 u 5,5, li ma jistgħux jiġu ppasturizzati jew sterilizzati peress li dawn jeqirdu l-karatteristiċi organolettiċi tagħhom, bħall-arjazzjoni, il-konsistenza u l-istruttura. Għalhekk, l-użu ta' preżervattiv huwa meħtieġ biex tiġi żgurata s-sikurezza mikrobijoloġika tal-prodott sa tmiem il-ħajja tiegħu fuq l-ixkaffa. Is-sorbat tal-potassju (E 202) ġie identifikat bħala preżervattiv xieraq għall-użu fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana f'livell ta' mhux iktar minn 500 mg/kg minħabba l-effettività tiegħu f'pH aċiduż taħt is-7,4 mingħajr ma jkollu effetti negattivi fuq it-togħma.

(6) Fl-1 ta' Marzu 2019, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ippubblikat opinjoni xjentifika fuq is-segwitu tar-rievalwazzjoni tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) bħala addittivi tal-ikel ([3]). Abbażi ta' data ġdida dwar it-tossiċità riproduttiva, l-Awtorità biddlet il-valur temporanju tal-konsum aċċettabbli ta' kuljum (ADI, acceptable daily intake) għal ADI tal-grupp ġdid ta' 11 mg ta' aċidu sorbiku/kg piż tal-ġisem kuljum għall-aċidu sorbiku (E 200) u għall-melħ tal-potassju tiegħu (E 202). L-istimi tal-esponiment kienu ferm taħt l-ADI tal-grupp il-ġdid għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni kemm fil-livell medju kif ukoll f'dak għoli.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj.
([3]) Scientific Opinion on the follow-up of the re-evaluation of sorbic acid (E200) and potassium sorbate (E202) as food additives. *EFSA Journal* 2019;17(3):5625, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5625.

(7) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni trid tikseb l-opinjoni tal-Awtorità sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Billi l-aċidu sorbiku (E 200) u s-sorbat tal-potassju (E 202) huma awtorizzati għall-użu f'varjetà wiesgħa ta' ikel bir-Regolament (KE) Nru 1333/2008, inkluż f'dežerti differenti fil-kategorija tal-ikel 16 "Dežerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4", l-użu propost fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana mhuwiex mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq l-esponiment ġenerali li għalhekk se jibqa' taħt l-ADI. Dan huwa appoġġat ukoll mill-istima pprovduta mill-applikant li uża l-Mudell tal-Konsum tal-Additttivi tal-Ikel żviluppat mill-Awtorità. Għalhekk, l-użu tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana mhux mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem u konsegwentement mhuwiex meħtieġ li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(8) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-aċidu sorbiku (E 200) u tas-sorbat tal-potassju (E 202) bħala preżervattivi fil-mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana f'livell massimu ta' 500 mg/kg.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat kif xieraq.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel, u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fil-kategorija tal-ikel 16 “Dežerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4”, l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrati għall-addittivi tal-ikel E 160d Likopen u E 200–202 Aċidu sorbiku — sorbat tal-potassju:

	“E 200-202	Aċidu sorbiku – sorbat tal-potassju	500	(1) (2)	mousses ibbażati fuq il-pjanti mhux ittrattati bis-sħana biss”